**11 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Kevin Pepe

## Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali - Offiża għall-Pudur - Artikolu 338(bb)

*Meta l-Avukat Ġenerali jiddeċidi li ma jqegħidx l-imputat taħt att ta' akkuża u jibgħat lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati, jista' jiddeduċi kontra tiegħu akkuża akbar mingħajr il-bżonn li jagħmel emenda fl-akkuża oriġinali.*

*Il-linja ta' demarkazzjoni bejn ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 209 u l-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338(bb) hi ferm sottili jekk mhux kważi ineżistenti; il-Qrati adottaw il-kriterju li dak li wieħed irid jeżamina f'dawn il-każijiet hu jekk l-atti jkunux atti li minnhom stess intrinsikament tiġi l-offiża għall-pudur, jew inkella jkunx l-effett ta' żbadataġini, jew ta' nonkuranza jew ta' nuqqas ta' rigward. Fl-ewwel każ ikun hemm id-delitt; fit-tieni l-kontravvenzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Avukat Ġenerali li l-imputat il-Ħadd, 24 ta' Mejju, 1993 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġraw u ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, f'post pubbliku jew lok espost għall-pubbliku, offenda l-pudur jew il-morali pubblika billi għamel ġesti oxxeni;

Bit-talba li l-Qorti tittratta ma' l-imsemmi imputat għar-reati li tagħhom hu kien ġie misjub ħati u kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena, ġaladarba hu kiser dawn il-kundizzjonijiet;

Bit-talba wkoll li l-Qorti tittratta ma' l-istess Kevin Pepe, għar-reati li tagħhom kien ġie misjub ħati u kien ikkundannat għal sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn, ġaladarba hu kiser il-kundizzjonijiet ta' din is-sentenza;

Rat is-sentenza tat-28 ta' Frar, 1994 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet hekk:

"Għalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli 18, 209, u 28B tal-Kap. 9, u l-artikolu 10(a) tal-Kap. 152, issib li r-reat taħt l-istess artikoli u li bihom hu akkużat Kevin Pepe, tassew jirriżultaw ippruvati u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tagħhom;

Dwar il-piena, għalhekk, wara li l-Qorti rat il-fedina penali ta' l-imputat tiddeċidi s-segwenti:

Fuq l-akkuża taħt l-artikolu 209 tal-Kap. 9, meħuda flimkien

ma' l-artikolu 18 ta' l-istess Kap. 9, tikkundanna lill-imputat Kevin Pepe, disgħa xhur priġunerija oltre l-multa ta' tliet mitt lira maltija (Lm300);

Fuq l-akkuża taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9, b'riferenza għall-piena mogħtija bis-sentenza esebita, a fol. sebgħa u erbgħin, dokument WS, stante li r-reat odjern ġie kommess mill-imputat waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża inflitta fuqu bl-imsemmija sentenza, il-Qorti għalhekk qed tordna li dik is-sentenza sospiża li kienet ta' sitt xhur priġunerija, għandha tibda sseħħ immedjatament *ai termini* ta' l-istess artikolu 28B tal-Kap. 9;

Fuq l-akkuża taħt l-artikolu 10(a) tal-Kap. 152, riferibbilment għas-sentenza esebita a fol. tlieta u ħamsin (dokument ACX) tiddeċidi billi tikkundana lill-imputat Kevin Pepe mitejn lira maltija multa (Lm200)";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza billi tilliberah mill-imputazzjonijet u fi kwalunkwe każ tirriformaha billi "twaqqa' l-akkuża għal reat kontravvenzjonali u għalhekk isir adegwament tal-piena";

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

L-appellat fir-rikors tiegħu esprima l-aggravju tiegħu dwar il-liġi *verbatim* b'dan il-mod:

"L-esponenti ssottometta li seta' jiġi applikat fil-konfront tiegħu l-artikolu 338(bb) u mhux l-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Pulziija akkużat li ġew kommessi ġesti oxxeni. Din hi d-

diċitura ta' l-artikolu 338(bb) u mhux ta' l-artikolu 209. L-Avukat Ġenerali ma kellux is-setgħa li jikkontesta kontra l-imputat akkuża akbar (u ċjoe` li timporta piena akbar) mingħajr ma jagħmel emenda fl-akkuża u mhux jistenna għar-rinviju għad-deċiżjoni";

Mill-premess jidher li l-aggravju ta' l-appellant huwa dupliċi. L-ewwel nett qiegħed jgħid li oriġinarjament hu ġie akkużat bil-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali u mhux bid-delitt ikkontemplat fl-artikolu 209 ta' dak il-Kodiċi. It-tieni nett l-appellant qiegħed jgħid li l-Avukat Ġenerali ma setax jiddeduċi kontra tiegħu akkuża akbar, jiġifieri d-delitt fuq imsemmi, bla ma jagħmel emenda fl-akkuża oriġinali;

Il-Qorti tibda' biex tittratta din it-tieni parti ta' l-aggravju, ċjoe` dik rigwardanti l-funzjoni ta' l-Avukat Ġenerali. F'dan ir-rigward, minn eżami ta' l-att tar-rinviju ddatat l-1 ta' Diċembru, 1993 (a fol. 58 tal-proċess) jidher ċar li l-Avukat Ġenerali aġixxa skond l-artikolu 433(5) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jiddisponi:

"Iżda, jekk minħabba n-nuqqas ta' ċirkostanzi li jġibu reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, l-Avukat Ġenerali jiddeċidi li ma jqegħidx l-imputat taħt att ta' akkuża, iżda jkun jidhirlu li mill-kumpilazzjoni jista' joħroġ reat ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, hu ma jordnax il-liberazzjoni ta' l-imputat, iżda jibgħat lura l-atti lil din il-Qorti u din il-Qorti tiddeċidi fuq l-akkuża ta' dan ir-reat, indipendentement minn kull ċirkostanza oħra";

L-Avukat Ġenerali segwa preċiżament din id-disposizzjoni. La din l-istess disposizzjoni u lanqas ebda parti oħra tal-liġi ma timponi li ssir xi emenda fl-akkuża oriġinali, f'xi stadju tal-proċediment;

Kwantu għall-ewwel parti ta' l-aggravju fuq imsemmi, li jirrigwarda l-kwistjoni jekk l-akkuża oriġinarjament kinitx tad-delitt jew tal-kontravvenzjoni, jiġi rrilevat l-ewwel nett li mill-bidu nett ir-reat dedott ġie kkunsidrat bħala delitt. U ġie hekk ikkunsidrat kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża. Tant hu hekk li l-Pulziija ressqet lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, li pproċediet bil-kumpilazzjoni, fatt dan li jindika ovvjament li r-reat dedott ma kienx kontravvenzjonali u inoltre l-imputat, matul il-kumpilazzjoni m'għamel ebda kumment dwar in-natura tar-reat dedott kontra tiegħu;

It-tieni nett, kien x'kien ir-reat dedott oriġinarjament, l-importanti hu li r-reat dedott mill-Avukat Ġenerali, huwa d-delitt ikkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jgħid:

"Kull min .... joffendi l-pudur jew il-morali b'għemil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku, jeħel ... "

Il-kontravvenzjoni msemmija mill-appellant hija kkontemplata fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, u tikkonsisti filli wieħed;

".... jagħmel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux ipprovdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika";

Il-linja tad-demarkazzjoni bejn iż-żewġ reati in kwistjoni, jekk l-interpreti jħares biss lejn l-ittra tal-liġi, hi ferm sottili jekk mhux kważi ineżistenti; għaliex l-artikolu 209 jikkontempla att kommess fil-pubbliku li "joffendi l-pudur jew il-morali" u l-artikolu 338(bb) jikkontempla wkoll att kommess fil-pubbliku li "joffendi l-morali,

l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika" (Kollez. Vol. XL.IV.1177);

L-eżimju Mħallef William Harding, sedenti f'din il-Qorti, wara li kkommenta d-dottrina u l-ġurisprudenza kontinentali fir-rigward, ikkonkluda li l-kriterju biex jiġi stabbilit jekk offiżi għall-pudur u l-morali pubblika jikkostitwux id-delitt jew il-kontravvenzjoni kkontemplati fl-artikoli fuq ċitata, hu dak li wieħed jara jekk dawk l-atti jkunux atti li minnhom stess intrinsikament tiġi l-offiża għall-pudur, jew inkella jkunx l-effett ta' żbadataġini, jew ta' nonkuranza jew ta' nuqqas ta' rigward. Fl-ewwel każ ikun hemm id-delitt; fit-tieni l-kontravvenzjoni (*ibid*);

Fir-rikors tiegħu l-appellant josserva:

"Issa huwa risaput li l-aktar liġi favorevoli għall-imputat (minħabba piena) għandha tapplika. Jekk wieħed jeżamina l-istorja tal-leġislazzjoni f'dan il-qasam isib li waqt li l-artikolu 209 ma ġie emendat qatt, fl-artikolu 338(bb) daħal kollu kif inhu fl-1975. Din hi liġi posterjuri għall-ewwel waħda u eżami akkurat taż-żewġ artikoli jwassal li l-istess ġest oxxen jista' jaqa' taħt iż-żewġ disposizzjonijiet. Imma mhux mogħti lil ħadd li jagħżel l-aktar waħda iebsa ....";

B'din l-osservazzjoni l-appellant donnu jrid jgħid li in vista ta' l-emenda ta' l-1975, issa kull ġest oxxen għandu jiġi kkunsidrat bħala kontravvenzjoni, kif ikkontemplat fl-artikolu reċenti 338(bb) u qatt bħala delitt kif ikkontemplat fl-artikolu anterjuri, il-209. Donnu jrid jgħid li dan l-artikolu 209 issa ġie abrogat bl-emenda msemmija;

L-artikolu 338(bb), allura enumerat 352(z), tal-Kodiċi Kriminali, qabel l-emenda ta' l-1975 kien jgħid hekk:

"…. għad illi jkun xurban, jgħid fil-pubblika kliem faħxi jew mhux xieraq, jew jagħmel attijiet jew ġesti faħxin, jew jagħmel jew juri stampi faħxin, jew jagħmel wiri ieħor ta' ħwejjeġ mhux xierqa, jew b'mod ieħor mhux imsemmija band'oħra f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika ….";

Bl-Att XXVII ta' l-1975 is-subartikolu in kwistjoni ġie sostitwit b'dan:

"Għad illi jkun xurban, jgħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel attijiet jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor mhux ipprovdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika";

Kif jidher ċar mill-kliem sottolineat minn din il-Qorti, l-emenda in kwistjoni ma biddlet xejn fl-artikolu 338(bb) safejn jirrigwarda l-kawża preżenti. Veru li l-attijiet u l-ġesti ġew ikkwalifikati bħala "oxxeni" minflok faħxin". Pero` lanqas din il-bidla fl-aġġettiv ma tidher li taffettwa din il-kawża;

Għalhekk, fuq l-insenjament tas-sentenza fuq ċitata (paragrafi 6 u 7), biex jiddetermina l-att kommess jikkostitwix id-delitt jew inkella l-kontravvenzjoni msemmijin, wieħed għandu, aktar milli d-diċitura ta' l-akkuża, jikkonsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari;

Fi kwalunkwe każ, l-imputazzjoni dedotta mill-Avukat Ġenerali hija dik tad-delitt ikkontemplat fl-artikolu 209 ċitat tal-

Kodiċi Kriminali;

Fir-rikors tiegħu l-appellant jidher li jikkontesta l-fatti allegati kontrih. Jirriżulta mill-provi, kompriża l-istqarrija ta' l-appellant, li huwa diversi drabi kien jistenna l-mument li fih xi nisa ġirien tiegħu kienu jkunu fuq il-bejt tagħhom jonxru l-ħwejjeġ. F'dak il-mument l-appellant kien jinża' għarwien u joqgħod viċin ta' tieqa fid-dar tiegħu fejn in-nisa kienu jistgħu jarawh. Fil-każ ta' waħda minn dawn in-nisa, l-appellant kien jimmasturba ruħu;

Dawn l-attijiet kommessi mill-appellant, bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li kienu l-effett ta' żbadataġini jew ta' nonkuranza, jew ta' nuqqas ta' rigward, iżda kienu attijiet intrinsikament libidinużi, deliberatament kommessi għall-isfog tal-volji laxxivi ta' l-appellant. M'hemmx dubbju li dawn l-attijiet kienu jikkostitwixxu d-delitt ikkontemplat fl-artikolu 209 fuq ċitat;

L-appellant ilmenta dwar il-piena inflitta mill-ewwel Qorti. F'dan ir-rigward dik il-Qorti applikat il-piena massima ta' disa' xhur priġunerija għar-reat kontinwat ta' l-offiża għall-pudur pubbliku. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-piena ta' sitt xhur prinġunerija imposta bis-sentenza dokument WS, sentenza ġa' sospiża, għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur, mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u wara li kkunsidrat wkoll l-effetti fuq il-piena karċerarja bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali relattiv għall-konkors ta' reati u ta' pieni ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, lanqas rigward il-piena;

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza

appellata in toto.